# Ċelebrazzjonijiet tal-Festi Esterni

***organizzati mis-Soċjetà Mużikali San Gabriel fl-okkażjoni tal-festa titulari ta'***

# *Marija Annunzjata – Patruna ta' Ħal Balzan*

**mit-28 ta' Ġunju sat-13 ta' Lulju 2008**

## Il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju 2008

**8.00pm** Lejla Balzanija organizzata mill-Kunsill Lokali fil-Pjazza ta' Hal Balzan. Lejla ta' divertiment b'kant, ikel u tombla. Kulhadd huwa mistieden.

## Is-Sibt 28 ta' Ġunju 2008

**8.30pm** Barbeque Night fil-ġnien tal-każin. Kulhadd huwa mistieden. Prezz €13 il-kbar u €6.50 it-tfal. Ghal din l-attività jkollna *Live Entertainment*. Booking mill-Bar tal-Każin.

## It-Tnejn 30 ta' Ġunju 2008

**7.30pm** Taghrif mill-istoriku Balzani Carmel Bezzina BA., MA., M.Ed Couns. (Bristol), Dip. Sch. Couns. dwar il-knisja parrokkjali ta' Hal Balzan minn ġewwa.

## Il-Ħamis 3 ta' Lulju 2008

**7.15pm** Kunċert ġenerali fil-ġnien tal-każin. Il-Banda San Gabriel tkun taht id-direzzjoni ta' Mro Joseph Vella. Jiehdu sehem l-Amadeus Chamber Choir li jkun taht id-direzzjoni ta' Mro Brian Cefai.

## Il-Ġimgħa 4 ta' Lulju 2008

**9.00pm** Blue Planet Party fil-ġnien tal-każin organizzat mis-sotto kumitat żghażagh. Prezz €5. Booking mill-Bar tal-każin.

## Is-Sibt 5 ta' Lulju 2008

**8.00pm** Riċeviment ghall-Benefatturi u l-Membri tas-Soċjetà fil-ġnien tal-każin. Jinqraw diskorsi u jinghataw premjijiet f'din l-okkażjoni. Ghal din l-okkażjoni kull min hu mistieden ghandu jirċievi invit.

## Il-Ħadd 6 ta' Lulju 2008

**8.00pm** *Tombla Night Party* fil-każin. Prezz €7. Booking mill-Bar tal-Każin. Jiġi mqassam ikel u xorb ghal din l-okkażjoni.

## It-Tnejn 7 ta' Lulju 2008

**6.30pm** Quddiesa fil-knisja parrokkjali ghall-membri tal-każini tal-baned u l-ghaqdiet kollha tal-parroċċa. Il-Membri huma mheġġa biex jattendu.

**7.30pm** Mixghela Ġenerali. Hruġ tal-vara artistika ta' Marija Annunzjata min-niċċa. Il-Banda San Gabriel issellem bid-daqq ta' l-Ave Marija. Wara, il-banda San Gabriel taghmel marċ li jibda minn Triq l-Gherusija – Triq Antonio Bosio – Triq Dun Ġwann Zammit Hammett – Triq Sir A. Micallef – Triq Balaguer – Triq iz-Zekkuk – Triq Santa Marija – Triq il-Kbira (Posta) – Triq Valent Muscat – Triq il-Papa Alessandru – Triq San Valentino – Triq il-Kbira sal-każin.

## It-Tlieta 8 ta' Lulju 2008

**8.30pm** *Buffett Pasta Night* fil-ġnien tal-każin. Jakkumpanjaw is-serata The Green Fields. Prezz €12 il-kbar u €6 it-tfal. Booking mill-Bar tal-każin.

## L-Erbgħa 9 ta' Lulju 2008

*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**7.30pm** Mixghela Ġenerali

**8.15pm** The Band of the Hampshire Constabulary of United Kingdom taghmel marċ qasir li jibda minn hdejn il-kappella ta' Santa Marija fi Triq il-Kbira sa fuq iz-zuntier fejn l-istess banda Ingliża tesegwixxi programm. Il-Banda tkun taht id-direzzjoni ta' Major. J. Burcham M.Mus PGDip (TCM), LRSM Royal Marines. Kulhadd huwa mistieden. Ser ikun hemm siġġijiet ghad-dispożizzjoni tal-pubbliku biex ikun jista' jiġi segwit il-programm.



*Xbiha ta' l-Annunzjata, pittura tal-Kav. Prof. Envin Cremona turi t-titulari tal-Knisja tad-Dumnikani tal-Belt Vittoriosa.*

## Il-Ħamis 10 ta' Lulju

*It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8.00pm** Mixghela Ġenerali

**8.00pm** Il-Banda San Gabriel taghmel marċ li jibda minn Triq Sigismondo Dimech – Triq l-Annunzjata – Triq il-Kbira – Triq Santa Marija – Triq il-Kbira sal-każin, fejn il-Banda San Gabriel tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier. Jieħu sehem l-Amadeus Chamber Choir, li jkun taht id-direzzjoni ta' Mro Brian Cefai. Kulhadd huwa mistieden. Ser ikun hemm siġġijiet ghad-dispożizzjoni tal-pubbliku biex ikun jista' jiġi segwit il-programm. Imexxu l-Programm Marlene Abela u Joe Vella.

## Il-Ġimgħa 11 ta' Lulju

*L-aħħar Jum tat-Tridu*

**8.30pm** Mixghela Ġenerali

**9.00pm** Fil-pjazza ż-żewġ baned ta' Hal Balzan San Gabriel u Marija Annunzjata fil-preżenza tal-Kappillan Rev. Dun Kalċ Vassallo jdoqqu l-Ave Maria. Wara l-banda San Gabriel takkumpanja l-istatwa ta' San Gabriel fost il-briju tal-partitarji u jimxu ghal Triq il-Kbira – Triq Santa Marija – Triq il-Kbira sal-każin. Hawnhekk il-banda ddoqq diversi innijiet f'ġieh San Gabriel; l-istatwa tiġi mtellgha fuq il-pedestall maestuż biswit il-każin.

## Is-Sibt 12 ta' Lulju 2008

*Lejlet il-festa*

**8.00pm** Mixghela Ġenerali

**8.00pm** Il-Banda Santa Elena ta' Birkirkara taghmel marċ li jibda minn Triq Sisner – Triq San Valentino – Vjal il-Papa Alessandru – Triq Idmejda – Triq San Valentino – Triq Santa Marija – Triq il-Kbira sal-każin.

## Il-Ħadd 13 ta' Lulju 2008

*Jum il-Festa u Jum is-Soċjetà*

**6.30pm** Il-Banda Kings Own tal-belt Valletta taghmel marċ li jibda minn Triq il-Kbira (Posta) sa fuq iz-zuntier tal-knisja.

**7.30pm** Mixghela Ġenerali

**7.30pm** Waqt il-hruġ tal-purċissjoni bl-istatwa artistika ta' Marija Annunzjata patruna ta' Ħal Balzan jindaqq l-innu Ave Marija kompożizzjoni ta' Charles Gounod. Jakkumpanja l-Banda Kings Own it-tenur Andrew Sapiano.

**9.00pm** Il-Banda Stella Maris ta' Tas-Sliema takkumpanja l-purċissjoni minn Triq Sisner – Triq San Valentino – Triq Santa Marija – Triq il-Kbira – kantuniera Triq San Valentino.

Il-Kumplament tal-purċissjoni sad-dhul tkun akkumpanjata *Aux Flambeux*, minn dawk preżenti. Filwaqt li l-Banda Kings Own idoqq diversi innijiet Marjani bil-parteċipazzjoni tal-kor tal-parroċċa Ave Marija li jkun taht id-direzzjoni ta' Mro Laurence Scicluna, fosthom jindaqq u jitkanta l-innu popolari lil Marija Annunzjata miktub mill-Poeta Balzani Ġorġ Borg u mużika ta' Patri Albert Borg OSA. Jiehdu sehem it-tenur Balzani Elia Cassar. Jinqraw diskorsi fuq il-Madonna mill-istoriku Balzani Carmel Bezzina.

**10.30pm** Waqt id-dhul tal-vara l-Banda Kings Own iddoqq l-Innu Ave Marija kompożizzjoni ta' Charles Gounod, jakkumpanja l-Banda Kings Own it-Tenur Balzani Elia Cassar.

**11.00pm** Il-Banda Stella Maris ta' Tas-Sliema iddoqq diversi marċi fil-marċ ta' l-ahhar li jibda minn hdejn il-każin Triq il-Kbira – Triq Santa Marija – Triq il-Kbira sal-każin fejn tiġi fi tmiemha l-festa tal-Lunzjata 2008.

**Il-Festa t-Tajba lil kulħadd**
**Viva Marija Annunzjata**